

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-11 ta' Settembru 2014 – Think Schuhwerk GmbH vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

(Kawża C-521/13) ⁽¹⁾

(Appell — Trade mark Komunitarja — Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 7(1)(b) — Assenza ta' karattru distintiv — Trufijiet ħomor ta' lazzijiet taż-żraben — Artikolu 122 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali — Appell parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat)

(2014/C 431/10)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Think Schuhwerk GmbH (rappreżentant: M. Gail, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Think Schuhwerk GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 344, 23.11.2013.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-25 ta' Settembru 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság) – l-Ungerija – János Kárász vs Nyugdíjfolyósító Igazgatóság

(Kawża C-199/14) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Implementazzjoni tad-dritt tal-Unjoni — Assenza — Nuqqas ta' ġurisdizzjoni manifesta tal-Qorti tal-Ġustizzja)

(2014/C 431/11)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: János Kárász

Konvenut: Nyugdíjfolyósító Igazgatóság

Dispożittiv

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea manifestament ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domanda magħmula mill-Fővárosi közigazgatási és munkaügyi bíróság (l-Ungerija), permezz tad-deċiżjoni tal-25 ta' Marzu 2014.

⁽¹⁾ ĠU C 245, 28.07.2014.